25 ta' Ġunju, 1951

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Wilfred Miggiani ne. *versus* Joseph Zammit ne.

**"Stevedores" — "Port Labourers" — Tariffa — Art. 4 tal-Kap. 158 — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 395 ta' l-1947.**

*Id-drittijiet li jmissu lill-istivaturi u lill-ħaddiema tal-port skond it-tariffa stabbilita mil-liġi ma jistgħux jiġu mnaqqsa, la bi ftehim individwali u lanqas bi ftehim kollettiv.*

*Din id-dispożizzjoni tal-liġi ma ħix intiża biss biex ikollha effett fir-relazzjonijiet bejn l-istivaturi u l-ħaddiema tal-port minn naħa u l-"foreman" tagħhom mill-oħra; għax l-istivaturi u l-ħaddiema tal-port għandhom jirċievu l-ħlas tagħhom skond it-tariffa preskritta mingħajr ebda tnaqqis sew għas-servizzi tal-"foreman" tagħhom kemm għal xi kwiża oħra.*

*Huwa veru li l-liġi tistabbilixxi tariffa għall-istivaturi u tariffa għall-ħaddiema tal-port, u illi l-"port labourers" ma jistgħux, fl-istess ħin li jkunu jaħdmu bħala tali, jagħmlu x-xogħol ta' "stevedores", biex klassi waħda ma tinvadix l-isfera tal-klassi l-oħra. Imma ma hemm ebda ostakolu legali li l-"port labourers" jagħ-*

*mhu x-xogħol ta' li "stevedores", u jitħallsu barrani ta' dak ix-xogħol ta' "stevedores", meta huma ma jkunux hekk ħadmu minn rajhom, imma għax imqabbdin wara awtorizzazzjoni espressa tal-persuna kompetenti minħabba l-bżonnijiet tal-mument, bħal meta ma jkunux hemm stivaturi biex jaħdmu, u x-xogħol ta' dawn ikun hemm bżonn li jsir minn ħadd ieħor biex ix-xogħol tal-port ma jieqafx.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £28. 12. 0, bilanċ ta' somma akbar mill-konvenut nomine dovuta għall-kumpens għall-ħatt ta' 264 tunellata merkanzija minn fuq il-vapur "Adriatico" f'Awissu 1948. Bl-imgħax legali kummerċjali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet fol. 6, li biha l-konvenut qal illi d-domanda attriċi hija infondata, għax il-konvenut ħallas dak li kellu jħallas, u l-attur għamillu riċevuta għas-saldu;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-4 ta' April 1951, li biha t-talba ġiet eskluża, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, bid-dritt tar-reġistru kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur, bħala rappreżentant tal-Port Labourers, kien ġie nkarikat mill-konvenut biex iħott 264 tunellata "timber" minn fuq il-bastiment "Adriatico" f'Awissu ta' l-1948. L-attur jippretendi li l-ħlas kellu jkun bis-6s.8d it-tunellata, u għalhekk it-total dovut hu ta' £88. Il-konvenut jgħid li l-ħlas għandu jkun bl-4s.6d. it-tunellata, li jgħibu total ta' £59. 5. 0. Id-differenza bejn il-kontendenti hi dovuta għal dana l-fatt: l-attur jgħid li, għalkemm fil-fatt "stevedores" ma ħadmux fl-iskarikazzjoni fuq imsemmija, il-"port labourers" li ħadmu għamlu xogħol anki ta' "stevedores" għax il-"gang" ta' "stevedores" ma ġietx; għalhekk, minbarra x-1s.3d. u t-3s.3d. kull tunellata tat-Tariffa B (e) G.N. 395 ta' l-1947, l-attur jippretendi ż-żieda anki ta' 2s.2d. kull tunellata taħt it-Tariffa A (d) ta' dik il-Government Notice, ċjoè jippretendi li l-"port labourers" li ħadmu f'dik l-okkażjoni għandhom jieħdu l-ħlas mhux biss taħt it-tariffa tagħhom (tariffa B) bħala mqabbdin mill-maniġġar ta' tagħbija mill-murata tal-vapur sal-moll jew it-tinda, imma anki taħt it-tariffa "A", li hi dik

ta' l-istivaturi li jinmaniġġaw il-merkanzija mill-istiva għall-murata tal-bastiment, għax għamlu anki x-xogħol ta' "stevedores", u b'hekk ikkalkola 6s.8d. t-tunellata. Il-konvenut, inveċe, jgħid li l-ħlas għandu jkun biss dak taħt it-tarifa "B", ċjoè 1s.3d. u 3s.3d. (erba' xelini u nofs), għax "port labourers" ma jistgħux jitħallsu anki bħala "stevedores". Ma hemmx kwistjoni illi dana kien "general cargo";

Illi qabel xejn, hemm kwistjoni oħra. Fil-proċess hemm eżibita riċevuta fol. 12, li fiha hemm il-kont tax-xogħol in kwistjoni. Dan il-kont jidher oriġinarjament miktub bit-typewriter, u bħala tali kien bir-rata ta' 6s.8d. it-tunellata, u bit-total, għalhekk, ta' £88. Imma fuqu hemm bil-linka korrezzjoni tar-rata, li ġiet mibdula f'4s.6d., u korrezzjoni konsegwenzjali tat-total, li sar £59. 5. 0. L-attur spjega li hu kien ħa l-kont lill-konvenut kif ittajpjat, imma, peress li dan ma riedx iħallas daqshekk, allura hu għamel quddiem il-konvenut dawk il-korrezzjonijiet u qallu li qiegħed jaċċetta l-ħlas b'riżerva għali-bilanċ (fol. 10 u 44). Il-konvenut qal li l-kont inġieb korrett u lest. Però dan mhux verosimili, għax kieku kien hekk,.......... Il-konvenut qal li hu ma għandu l-ebda idea li saret xi riżerva. Però jidher li ma hux żgur lanqas minn daqshekk.......... Għalhekk il-Qorti hi inklinata li taċċetta l-versjoni ta' l-attur, li hu aċċetta l-ħlas tas-somma mniżżla taħt protesta;

Illi apparti dan, però, lanqas jidher li, anki kieku r-riċezzjoni tas-somma saret bla protesta, kien ikun hemm ostakolu għar-reklam ta' l-attur, jekk hu fondat. Infatti, jekk tisthoqq ir-rata akbar reklamata, allura kull rinunzja għaliha ma hijiex operativa, għax skond l-art. 4 tal-Kap. 158 kull tnaqqis hu projbit. Fin-nota tiegħu fol 17 il-konvenut issottometta li din il-projbizzjoni tal-liġi tirrigwarda biss ir-relazzjonijiet bejn il-"foreman" u l-istess "stevedores" u l-"port labourers". Probabilment l-oriġini tagħha hi dovuta għal daqshekk; imma kif inhi konċepita d-dispożizzjoni, partikolarment meta wieħed iqies il-kliem amplifikativi "u lanqas għal raġuni oħra" u l-klawsola finali li toħroġ mill-kontest limitativ ta' qabel, bil-kliem "u dawn id-drittijiet ma jistgħux jiġu mnaqqsa bi ftehim individwali jew kollettiv", ma hemmx lok għal interpretazzjoni hekk ristretta, u pjuttost għandu jingħad li

kull tnaqqis, ta' kull xorta jkun, hu projbit. Għalhekk dik l-irċevuta ma hijiex ta' ostakolu għall-istanza;

Issa, kwantu għan-nota, anki jekk wieħed jassumi li fl-okkażjoni in kwistjoni l-"Adriatico" nħadem bħala vapur u mhux bħala skuna, u li kwindi kellu jinħadem bi tliet "gangs" (Stevedores, Port Labourers, u Lightermen), ma jidherx li l-ġudikant jista' jasal għall-konklużjoni illi lill-"port labourers" għandha titħallas anki ż-żieda tar-rata ta' li "stevedores" għax il-"gang" ta' li "stevedores" ma ġiex u huma għamlu anki x-xogħol ta' li "stevedores";

Illi dik il-konklużjoni ġiet meħuda għaliex, jekk wieħed jeżamina sija l-kontest tal-Kap. 158, li hi l-liġi appożita dwar l-istivaturi u l-ħaddiema tal-port, kemm ukoll il-kontest tal-G.N. 395 ta' l-1947, isib illi l-leġislatur dejjem żamm distinzjoni netta bejn iż-żewġ speċi ta' ħaddiema. Stabbilixxa tariffa għal dawn, u tariffa oħra għal dawk. Din l-organizzazzjoni uffiċjali ma tistax ma tiġix disturbata kieku kellu jiġi ammess li "port labourer" jista', fl-istess ħin li jkun qiegħed jaħdem bħala tali, jagħmel ukoll xogħol ta' "stevedore" u jitħallas taħt iż-żewġ tariffi; għax b'hekk tiġi kreata konfużjoni, u klassi waħda tkun qiegħda tinvadi l-isfera ta' l-oħra;

Fl-art. 5 hemm dispost illi l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur jista' jagħmel regolamenti dwar ir-reġistrazzjoni ta' stivaturi u ħaddiema tal-port. Dan ifisser li kull wieħed għandu l-kwalità tiegħu kif reġistrata biex jaħdem bħala tali; u kien ikun kontra l-ispirtu ta' dina r-reġistrazzjoni, kif inkwadrata fl-organizzazzjoni tas-servizz kollu, li l-"port labourer" jista' fl-istess ħin jaħdem ta' "stevedore". Fil-fehma tal-Qorti, għax-xogħol bejn l-istiva u l-murata tal-bastiment hemm li "stevedores"; għax-xogħol bejn il-murata tal-bastiment u l-barkun, moll, eċċ., hemm il-"port labourers"; u dawn jitħallsu skond it-tariffa tagħhom partikulari, bla ma wieħed jista' f'ħin wieħed jagħmel iż-żewġ xorta ta' xogħol u jitħallas taħt iż-żewġ tariffi;

Għalhekk il-ħlas li sar ta' £59. 5. 0 eżawrixxa l-kreditu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata fil-meritu, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu, u tiġi modifikata fil-kap ta' l-ispejjeż billi dawn jiġu kollha akkollati lill-konve-

nut nomine, u b'hekk id-domanda oriġinali ta' l-attur nomine għall-pagament ta' £28. 12. 0, bl-imgħax legali, tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi fis-27 ta' Awissu 1948 l-appellant, bħala rappreżentant tal-ħaddiema tal-port, ġie nkarikat mill-konvenut nomine biex iħott minn fuq il-piroskafu "Adriatico" 264 tunellata "timber"........... Fil-fatt il-"port labourers, barra x-xogħol tagħhom, għamlu anki dak ta' li "stevedores"; u meta waslu għall-ħlas l-attur ippretenda li n-nies tiegħu jiġu mħallsin għax-xogħol kollu li għamlu; iżda l-konvenut isostni li huwa għandu jħallashom biss tax-xogħol tagħhom bħala "port labourers"—ħaġa li huwa diġà għamel, kif jidher mill-irċevuta fol. 12 tal-proċess;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għall-imsemmija riċevuta, il-Qorti taqbel ma' dik ta' l-ewwel istanza li ġiet magħmula taħt protesta, u li għalhekk ma tistax tippreskludi lill-appellant nomine li jirreklama somma akbar jekk u kemm il-darba tirriżulta lilu dovuta. Ir-raġunijiet li wasslu lil dina l-Qorti għal dik il-konklużjoni huma dawk migjubin fis-sentenza appellata, li ma għandhomx bżonn jiġu ripetuti; u huwa biżżejjed li ssir għalihom sempliċi riferenza;

Ikkunsidrat;

Illi punt ieħor li fuqu dina l-Qorti taqbel ma' dik ta' l-ewwel istanza huwa dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-art. 4 tal-Kap. 158, li jistabbilixxi li d-drittijiet li jmissu lill-istivaturi u lill-ħaddiema tal-port skond it-tariffa stabbilita ma jistgħux jiġu mnaqqsa, la bi ftehim individwali u lanqas bi ftehim kollettiv. Il-pretensjoni tal-konvenut appellat, li dik id-dispożizzjoni tal-liġi hija ntiża biss biex ikollha effett firrelazzjoni bejn l-istivaturi u l-ħaddiema tal-port minn naħa l-waħda, u l-"foreman" tagħhom min-naħa l-oħra, hija inaċċettabili u kuntrarja għall-iskop ta' l-istess liġi, kif espress mill-leġislatur fl-iskopijiet u raġunijiet minnu mogħtija fuq l-abbozz, jiġifieri li l-istivaturi u l-ħaddiema tal-port għandhom jirċievu l-ħlas tagħhom skond it-tariffa preskritta, min-

għajr ebda tnaqqis, sew għas-servizzi tal-"foreman" tagħhom, kemm għal xi kawża oħra;

Ikkunsidrat;

Illi kuntrarjament għal dak li ġie ritenut fis-sentenza appellata, dina l-Qorti ma jidhrilhiex li jista' jkun hemm ebda ostakolu legali, sija mill-kontest tad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Kap. 158, u sija minn dawk tan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 395 ta' l-1947, kontra t-talba ta' l-attur nomine, intiża biex in-nies tiegħu jitħallsu tax-xogħol żejjed li għamlu bħala stivaturi. Dana x-xogħol huma għamluh mhux minn rajhom, imma għax inqabbdu wara awtorizzazzjoni espressa tal-persuna kompetenti minħabba l-bżonnijiet tal-mument, billi stivaturi ma kienx hemm u x-xogħol fil-port ma kellux jieqaf. Huwa mbagħad evidenti li b'dak ix-xogħol il-konvenut kellu vantaġġ kbir, billi l-iskarikazzjoni mill-vapur setgħet issir malajr u mingħajr dewmien. Kif jidher mill-imsemmija Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 395 ta' l-1947, skond it-tariffi hemm miġjubin, il-ħlas ta' l-istivaturi u tal-haddiema tal-port huwa regolat mill-kwantità tal-merkanzija, u mhux bit-tant kull ġurnata tax-xogħol; u kieku keilha tiġi milqugħa l-pretensjoni ta' l-appellat nomine, il-konsegwenza tkun li għax-xogħol li n-nies ta' l-appellant għamlu mill-istiva sal-murata tal-bastiment ma jingħata ebda kumpens, b'evidenti lokupletazzjoni għad-dannu ta' dawk il-haddiema — ħaġa li ċertament mhix leċita u ma għandhiex tiġi permessa;

Infatti, kieku fl-imsemmija ġurnata tas-27 ta' Awissu 1948, meta ġiet maħtuta l-merkanzija minn fuq il-vapur "Adriatico", kien hemm stivaturi "available", ċertament il-konvenut appellat ma kien jagħmel ebda oppożizzjoni għall-ħlas tagħhom, bħal ma ma għamelx fl-okkażjoni ta' qabel, ta' Lulju 1948, u fiż-żewġ okkażjonijiet ta' wara, ta' Ottubru u Diċembru 1948. L-oppożizzjoni tiegħu tal-lum ma ssib ebda ġustifikazzjoni; u fl-aħħar mill-aħħar tikkonsisti mhux fil-kontestazzjoni li x-xogħol li għalih qiegħed jiġi reklamat kumpens sar, iżda li dak il-kumpens mhux dovut għaliex ix-xogħol, flok ma għamlitu persuna għamlitu oħra—oppożizzjoni li għar-raġunijiet fuq miġjuba hija inammissibili;

*Omissis;*

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell prinċipali, billi tirrevoka s-sentenza appellata u tikkundanna lill-konvenut nomine jħallas lill-attur nomine s-somma reklamata biċ-ċitazzjoni, bl-imgħax legali min-notifika taċ-ċitazzjoni, u billi tirriforma l-istess sentenza fil-kap ta' l-ispejjeż, u tordna li l-spejjeż kollha ta' l-appell prinċipali jitħallsu mill-imsemmi konvenut nomine;

U tirrespinġi l-appell inċidentali tal-konvenut nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu.